MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2013

Numru. 499/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs.**

**Giuseppa Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata **Giuseppa Camilleri**, ta' tmienja u hamsin (58) sena, bint Vincenzo Bugeja u Lorenza neé Mizzi, imwielda Zejtun nhar il-25 ta' Gunju 1954, u residenti Flat 5, Ghajn Kajjet, Blk G, Rabat, detentrici tal-Karta tal-Identita bin-numru: 491854M, akkuzata talli:

1. bejn il-lejL tal-1 ta' Dicembru 2011 ghal habta tas-sebgha ta' filghodu gewwa 141, Triq Gheriexem, Rabat hebbet ghal Connie Camilleri u ikkagunatilha offizi gravi

kif iccertifikat minn Dr. Mario Sammut MD (Med. No. 1685) mill-klinika tal-Floriana;

2. fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi, ingurjat jew heddet jew jekk ipprovokat, ingurjat lil Connie Camilleri b'mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghha kkagunat lil haddiehor u cioé lil Connie Camilleri biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-proprjeta taghha.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat li l-Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok. "SM 7").

Rat li, meta sar l-ezami tal-imputata, l-imputata tat il-kunsens taghha biex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-imputata tammetti li hija hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

Semghet lill-parti leza, li tigi bint l-imputata, tiddikjara li hija kienet lestha tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputata gew sodisfacentement pruvati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputata,

il-fedina penali tal-imputat (li minkejja li mhijiex wahda kompletament nadifa, ma jistghax jinghad li hija wahda refrattarja), l-ammissjoni bikrija tal-imputata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha, il-fatt li l-parti leza ddikjarat li hi kienet qieghda tirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli fil-konfront tal-imputata u kif ukoll il-fatt li l-Prosekuzzjoni u d-difiza qablu li imputata m'ghandhiex tinghata piena ta' prigunerija effettiva jew wahda sospiza.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 214, 215, 216, 251B(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata Giuseppa Camilleri hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------